**FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**

Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali

**MAĠISTRAT**

**DR. CAROLINE FARRUGIA FRENDO**

***B.A. (Legal and Humanistic Studies), LL.D.,***

***M.Juris (International Law), Dip. Trib. Eccl. Melit.***

**Kumpilazzjoni numru: 390/2019 CFF**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Fabian Fleri)**

**(Spettur Lydon Zammit)**

**(Spettur Oriana Spiteri)**

**vs**

**Simon Camilleri**

**Illum 20 ta' Jannar 2025**

**Il-Qorti;**

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra:

Simon Camilleri ta' 52 sena, iben Emanuel u Rose nee' Borg imwleied Pieta' nhar it-28 ta' Awissu 1966, detentur tal-karta ta' identita' bin-numru 453166M u residenti ġewwa 34, Triq San Franġisk Bormla;

Akkużat talli;

1. Talli fit-18 ta' Mejju 2019 għal ħabta tas-sebgħa u nofs ta' filgħaxija, ġewwa Triq Nicolo Isuard, Sliema ikkometta serq ta' ġiżirana minn fuq il-persuna ta' Antonietta Wirth ta' 87 sena li hija persuna anzjana liema serq huwa aggravat bi vjolenza diretta fuq persuna anzjana u bil-valur;

2. Fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi ikkaġuna ġrieħi ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Edgardo Wirth anzjan ta' 91 sena skond kif iċċertifika Dr. Alexander Clayman mill-Isptar Mater Dei;

3. Talli fis-16 ta' April2019 għal ħabta tat-tmeinja u nofs ta' filgħaxija, irrendejt ruħħek kompliċi f'serqa minn ġewwa l-istabboliment bl-isem ta' The Convenience Shop li jinsab fi Triq Għajn Dwieli Paola liema serq huwa aggravat bil-vjolenza, bil-mezz, bil-bil-valur u bil-ħin u dan għad-dannu ta' Renato Vidal u/jew persuna/i w/jew ta' xi entita' u/jew entitajietoħra;

4. Fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, bla ordni skond il-liġi ta' l-awtorita' kompetenti, u barra mill-każijiet li fihom il-liġi tagħti s-setgħa lill-privat li tarresta lill-ħati, arresta, żamm, jew issekwestra lil Keoney Demicoli kontral-volonta' tagħha;

5. U aktar talli f'dan l-aħħar xhur f'dawn il-gżejjer naqas milli jħares il-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Maġistrat Dr Antonio VellaLL.D.fid-digriet tiegħu tat-2 ta' Awissu 2016 li bih ta il-ħelsien mill-arrest;

6. U aktar talli fl-istess dati, ħinijiet, lok u ċirkostanzi irrenda ruħu reċidiv ai termini ta' l-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta liema sentenzi saru definittivi u ma jistax jinbidlu.

Il-Qorti hija ġentilment mitluba biex f'każ ta' ħtija tikkundanna lill-akkużat għall-ħlas ta' spejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti hija mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skont il-ligi, tapplika wkoll l-artikoli 383, 384 u 385 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta għas-sigurtà ta' Joseph Zerafa din il-persuna hawn fuq indikata.

Rat li l-Ufficjali Prosekuturi qraw u kkonfermaw bil-ġurament l-akkuzi fil-konfront ta' l-imputat fis-seduta datata t-28 ta' Ġunju 2019 quddiem din il-Qorti diversament preseduta.

Rat l-atti tal-kawza u d-dokumenti ezebiti;

Semghet ix-xhieda tal-Prosekuzzjoni;

Rat in-nota tar-Rinviju għall-ġudizzju tal-Avukat Ġenerali datata s-sittax (16) ta' Marzu tas-sena elfejn u tnejn u għoxrin (2012) fejn huwa dehrlu li tista' tinstab ħtija jew ħtijiet taħt dak li hemm maħsub:

1. Fl-artikoli 261(a), 261(ċ), 262(1)(a), 267, 274(a), 274(b), 276A, 277(a), 279, 280(2), 284 tal-Kodiċi Kriminali, Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Fl-artikoli 214, 215, 216(1)(a), 216(1)(b), 216(1)(ċ), 216(1)(d), 218(1)(a), 218(1)(b), 218(2), 222A(1) tal-Kodiċi Kriminali, Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

3. Fl-artikoli 42, 43, 261(a)(261(ċ), 261(f), 262(1)(a), 262(1)(b), 263(b), 267, 270, 275, 277(b), 278, 279(b), 280(2), 281(a), 284 tal-Kodiċi Kriminali, Kap 0 tal-Liġijiet ta' Malta;

4. Fl-artikoli 86, 87(1)(e) tal-Kodiċi Kriminali, Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

5. Fl-artikolu 579(1)(2) tal-Kodiċi Kriminali, Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

6. Fl-artikoli 49, 50, 289 tal-Kodiċi Kriminali, Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

7. Fl-artikoli 17, 31, 532A, 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat li fil-verbal tas-17 ta' Marzu 2022, il-Qorti qrat l-artikoli fejn l-imputat wieġeb li huwa m'għandhux oġġezzjoni li l-każ tieghu jinstema' bi proċedura sommarja u deċiż minn din il-Qorti.

Semgħet ix-xhieda, ossia l-kontro-ezamijiet li għamleti id-difiża;

**Ikkunsidrat:**

Illi l-fatti tal-każ kienu li fis-sittax (16) t'April elfejn u dsatax (2019) għall-ħabta tad-disgħa neqsin għaxra (8:50) ta' filgħaxija il-Pulizija ġew infurmati li kienet għadha kif seħħet serqa minn ġewwa l-Convenience Shop li jinsab Triq Għajn Dwieli fir-Raħal Ġdid. Il-Pulizija min-naħa tas-CID ġew infurmati li aktarx kienet użata arma u għalhekk, il-Pulizija meta daħlu fl-investigazzjoni tkellmu ma' ċertu Keoney Demicoli li xehdet ukoll f'dawn il-proċeduri u ikkonfermat il-fatti ta' kif ġraw, meta hi qalet li hija impjegata ta' l-istess ħanut u qalet li dak in-nhar daħlu żewġ persuni maskili fejn bdew jitolbuha l-flus u li f'ħin minnhom minħabba li din irreżistiet lil wieħed mill-aggressuri. Ħin minnhom jidher li intużat xi tip ta' arma għaliex waħda mill-persuni li kienet fil-ħanut Lara Chetcuti kienet intlaqtet minn din ix-xafra u kien hemm xi dmija. Hija xehdet ukoll f'dawn il-proċeduriu qalet li wieħed minnhom talabhal-flus u tat deskrizzjoni li t-tnejn kienu lebsin hoodie imma l-persuna li kellu anke sikkina kien liebes hoodie blu skura u kellu tatoo fuq għonqu n-naħa tal-lemin. Bdew jinġabru xi CCTVs mill-ħanut The Convenience Shop minn fejn seħħet is-serqa u mill-pompa tal-petrollitinsab madwar ħmistax (15)-il metru l-bogħod mill-Concenience Shop, kif ukoll inġabru xi CCTVs minn fejn il-Palumbo Shipyard li hemm ftit metri l-bogħod mill-Convenience Shop ukoll. Fuq il-post kienet instabet ġakketta u cioe' l-hoodie ta' kulur blu. Mill-cameras beda jirriżulta li bdiet iddur karozza, vettura tat-tip Fiat Punto li din tidher qabel is-serqa qed iddur fl-akkwati, tidher ukoll ħin minnhom tinżel ukoll lejn it-Tarzna u waqt li kienet qed isseħħ is-serqa jirriżulta li din l-istess karozza Fiat Punto kienet waqfet fil-pompa tal-petrol li tinsab ftit metri l-bogħod u minnha kien ħareġ l-imputat Simon Camilleri. In-number plate tal-karozza setgħet tinqara u kienet KBJ 176 Fiat Punto u mill-investigazzjoni tirriżulta li din il-vettura kienet irreġistrata fuq ċertu Jolene Camilleri ID 543786(M) – kif jirriżulta wkoll mix-xhud ta' Tranport Malta li xehed f'dawn il-proċeduri biex jindika lil min tappartjeni din il-vettura. Il-Pulizija kienu jafu li din Joelene tiġi bint Simon Camilleri l-imputat li fil-filmat jidher li huwa qed jagħmel użu minn din il-vettura (kif ukoll jammetti huwa stess fl-istqarrija awdjo viżwali meħuda lilu li dak in-nhar kien hu qed juża' l-istess vettura). Mill-filmati tal-pompa tal-petrol eżebiti jidher il-moviment ta' Simon Camilleri li jidher qed joħroġ mill-karozza taparsi qed jitfa' l-flus fil-magna awtomatika biex jieħu l-petrol iżda fl-ebda ħin ma jitfa' l-flus u fl-ebda ħin majagħti petrol għalkemm huwa jidher li qed jaqbad in-nozzle. Il-ħin kollu li hu kien qed fil-pompa tal-petrol jider qed iħares fid-direzzjoni lejn il-ħanut The Convenience Shop mertu ta' din il-kawża.

Sussegwentement fit-tmintax (18) ta'Mejju elfejn u dsatax (2019) għall-ħabta tat-tmienja neqsin għoxrin (7:40) ta' filgħaxija l-għassa ta' Tas-Sliema irċivew informazzjoni likienet għadha kif seħħet serqa fuq żewġ anżjani f'Nicolo Isuard Street, kantuniera ma' Dun Karm Psaila Street. Il-vittmi kienu ċertu Antoinette Wirth u Edgardo Wirth. Dawn huma żewġ anzjani ta' sebgħa u tmenin (87) sena u disgħin (90) sena rispettivament. Dawn iż-żewġ persuni jikkonfermaw anke mix-xhieda li taw quddiem il-Qorti li kien hemm persuna, waqt li huma kienu mexjin fl-akkwati, li marret fuq is-Sinjura Wirth daħħlet idejha fl-iskullatura tagħha u ġibdet il-ġiżirana tal-perli minn fuqha, u meta r-raħel, is-Sur Wirth prova jiddefendi lil martu allegatament il-persuna li serqet lill-mara, tah daqqa ta' ponn u waqa' ma' l-art tant li kellu feriti li ġew klassifikati gravi *per durata* anke tlett (3) xhur wara li l-inċident meta ġie invistat minn Dr Mario Scerri kif ordnat minn din il-Qorti, u kif ikkonferma l-istess tabib forensiku permezz tar-rapport eżebit minnu. Mill-investigazzjoni tal-pulizija l-agressur ġie identifikat bħala Simon Camilleri l-imputat, mis-CCTVs ta' l-akkwati jidher l-istess Simon Camilleri liebes l-istess żarbun aħmar li kien liebes meta nqabad fil-pompa tal-petrol ta' Għajn Dwieli (aħmar ta' l-għamla Nike) eżebit f'dan il-proċess. Fl-24 ta' Ġunju 2019 ġie arrestat l-imputat Simon Camilleri mir-residenza tiegħu minn PS 1337, PC 643 u PC 1087 meta waqt it-tfittxija li saret ukoll fid-dar tiegħu instab iż-żarbun aħmar li l-imputat jidher li kien liebes fiż-żewġ serqiet sepataratament u kif ukoll ittieħdet il-vettura li intużat fis-serqa tal-Convenience Shop KBJ 176. Fl-istqarrija awdjo vizwali tiegħu Simon Camilleri jammetti li kien hu li fil-ġurnata tas-serqa mill-Convenience Shop ta' Triq Għajn Dwieli kien hu l-persuna li kien qed isuq il-vettura KBJ 176 u dak in-nhar ta lift lil żewġ persuni minn Bormlau kien waqqafhom fejn ir-roundabout ta' Għajn Dwieli u baqa' jgħid li ma jafx x'ġara wara jew x'kienet l-intenzjoni tan-nies li tella' miegħu fil-karozza. Hu indika biss l-identita' ta' persuna waħda u cioe' Shamison Stafrace. L-imputat fl-istqarrija tiegħu jgħid li kien sema' bis-serqa imma ma jafx min kien għamilha.

**Ikkunsidrat**

Illi l-Qorti jekk fiċ-ċirkostanzi kollha tistax tasal għal konklużjoni li kien l-imputat jew le, ċertament f'dan il-każ ser ikollhja toqgħod fuq il-provi indizjarji. Fil-fatt, tagħmel referenza għas-Sentenza mogħtija mill-***Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-5 ta' Diċembru, 1997*** fl-ismijiet *Il-Pulizija v Peter Ebejer*, fejn dik il-Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilħaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jħalli ebda dubbju dettat mir-raġuni u mhux xi grad ta' prova li ma jħalli ebda ombra ta' dubbju. Id-dubbji ombra ma jistgħux jitqiesu bħala dubbji dettati mir-raġuni.

Fi kliem ieħor, dak li l-ġudikant irid jasal għalih hu, li wara li jqis iċ-ċirkostanzi u l-provi kollha, u b’applikazzjoni tal-bon sens tiegħu, jkun moralment konvint minn dak l-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni. Fil-fatt dik il-Qorti iċċitat l-ispjegazzjoni mogħtija minn **Lord Denning** fil-każ ***Miller v Minister of Pension*** - 1974 - ALL Er 372 tal-espressjoni ‘proof beyond a reasonable doubt.’

> *“Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence. ‘of course, it is possible but not in the least probable’, the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice.”*

Huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-aħjar provi sabiex tikkonvinċi lill-Qorti li l-akkużi addebitati lil imputat huma veri u dan għaliex kif jirritjeni l-**Manzini** fil-ktieb tiegħu ***Diritto Penale Vol III Kap IV pagna 234, Edizione 1890***:-

> *“il cosi’ detto onero della prova, cioe’ il carico di fornire, spetta a chi accusa - onus probandi incumbit qui osservit”.*

Illi għalhekk din il-Qorti trid tifli wkoll provi oħrajn sabiex tkun tista’ tasal għal konklużjoni. Illi tajjeb li ssir analiżi ta’ xi ġurisprudenza f’pajjiżna li daħlu fl-analiżi tal-prova ċirkostanzjali u senjatament spjegaw l-analiżi li hija mistennija mill-Qorti li tkun qed tiġġudika sabiex jiġi stabbilit jekk il-provi ċirkostanzjali humiex univoċi. Kif ġie deċiż fl-ismijiet r-*Repubblika ta’ Malta v George Spiteri* deċiża mill-Qorti tal-appell Kriminali fil-5 ta’ Lulju tas-sena elfejn u tnejn (05.07.2002) il-Qorti sostniet is-segwenti:

> *‘L-prova indizzjarja trid tkun wahda assolutament univoka, li tipponta biss minghajr dubju dettat mir-raguni lejn fatt jew konkluzzjoni wahda...biex prova ndizzjarja tigi ammessa bhala prova valida fis-sens li wiehed jista' ragjonevolment jasal ghall-konkluzzjoni tieghu ta' htija in bazi taghha bla ebda dubju dettat mir-raguni, irid ikun moralment konvint minn dan ir-rekwizit ta' l-univocita' taghha, cioe' li dik il-prova tfisser biss u xejn aktar li l-akkuzat huwa hati ta' dak addebitat*

*lilu w, allura, kull dubju ragjonevoli fir-rigward ghandu jmur favur l-akkuzat skond il-ligi.*

Fil-każ fl-ismijiet *Pulizija vs Paul Grech* deċiża wkoll mill-Qorti tal-Appell fis-6 ta' April tas-sena elfejn u wieħed (06.04.2001) intqal illi:

*'l-provi fil-kamp kriminali jistghu jkunu kemm diretti u kif ukoll indizjali, basta dawn ikunu sufficjenti biex inisslu konvinciment morali f'mohh il-gudikant lil hinn minn kull dubju ragjonevoli mir-reita' ta' l-imputat.*

Anki fil-każ *Pulizija vs James Abela* deċiża wkoll mill-Qorti tal-Appell fil-ħdax ta' Lulju elfejn u tnejn (11.07.2002) ġie ddikjarat illi:

*"In kwantu d-dottrina tar-"res ipsa loquitur" timporta xi spostament tal-oneru tal-prova, tali dottrina ma tista' qatt issib post fil-kamp penali. In kwantu, pero', b' "res ipsa loquitur" wiehed jifhem biss li l-fatti - inkluzi provi indizjarji - "circumstantial evidence" - ikunu tali li l-gudikant ihossu moralment konvint li jista' jigbed certi konkluzzjonijiet minn dawk il-fatti, allura wiehed m'ghandux jitkellem dwar "res ipsa loquitur" izda dwar dak li fid-dottrina Ingliza jissejhu "presumptions of fact"....F'materja ta' incidenti stradali il-provi indizjarji hafna drabi jista' jkunu siewja ferm u xi drabi jistghu anki ikunu siewja ferm aktar minn dawk okulari li, kultant jistghu ikunu biss soggettivi u kulltant, u x'aktarx iva milli le, ikunu kuluriti b' dak li jissejjah "esprit de voiture". Umbaghad fejn ma jkunx hemm xhieda okulari li jistghu jiddeskrivu jew jispjegaw dak li gara, dawn il-provi indizjarji, jistghu facilment u minghajr bzonn ta' hafna tigbid, jaghtu stampa cara tad-dinamika tal-incident. S'intendi, bhal kull prova indiretta ohra, iridu jkunu tali li jwasslu ghal konkluzzjoni univoka u li biha il-gudikant ikun moralment konvint lill hinn minn kull dubju dettat mir-raguni mill-htija jew responsabbilta' kriminali tal-imputat jew akkuzat...hu dover tal-Qorti li tara jekk mill-assjem tal-provi cirkostanzjali jirrizultax b'mod li jkun sodisfatt il-konvinciment morali tal-gudikant sal-grad rikjest fil-process penali tirrizultax htija ta' sewqan hazin'.*

Illi anki fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Superjuri fl-ismijiet *ir-Repubblika ta' Malta vs Angel sive Angelo Bajada* datata l-15 ta' Mejju tas-sena 2009 ġie ddikjarat illi:

> *'L-assjem tal-provi kien tali li a bazi tieghu l-gurati setghu ragonevolment u b'konvinciment morali trankwill ghall-aħħar jaslu għall-konkluzjoni la ma jemmnux dak li qed isostni l-apppellant u jsibu li l-provi jwasslu inekwivokabbilment ghall-ħtija tiegħu. L-indizji, biex jagħmlu prova, jeħtieg li jkunu univoci'.*

Ħarsa wkoll dak li jgħid il-ġurista Ingliż, C.B. Pollock fl-interpretazzjoni tal-apprezzament tal-prova ċirkostanzjali u t-tifsira tal-univoċita' tagħha qal hekk:

> *'It has been said that circumstantial evidence is to be considered as a chain, and each piece of evidence as a link in the chain, but that is not so, for then, if any one link broke, the chain would fall. It is more like the case of a rope comprised of several cords. One strand of cord might be insufficient to sustain the weight, but three stranded together may be quite of sufficient strength. Thus, it may be in circumstantial evidence – there may be a combination of circumstances, no one of which would raise a reasonable conviction or more than a mere suspicion; but the whole taken together may create a conclusion of guilt with as much certainty as human affairs can require or admit of… (Criminal Evidence (3rd Edition) [1995], Richard May (Sweet and Maxwell Criminal Practice).'*

Kwantu wkoll għal evidenza diretta jew ċirkostanzjali, ingħad hekk mill-Qorti ta' l-Appell fis-sentenza tagħha datata 25 ta' Frar 2020 fl-ismijiet *Il-Pulizija vs Massimo Chircop*

*"....l-evidenza indiretta, dik li tistrieħ prinċipalment fuq iċ-ċirkostanzi u li tkun bażata fuq l-analiżi taċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ, għalkemm mhux giddieba, tista' tkun qarrieqa. Huwa għalhekk li dawn il-Qrati dejjem straħu fuq il-massima li biex l-evidenza tkun ċirkostanzjali tkun is-sies ta' sejbien ta' ħtija, din trid tkun inevitabbilment univoka. Ċjoe li tipponta biss u esklussivament lejn direzzjoni waħda biss. U xejn ħliefha. Għax altrimenti, din it-tip t'evidenza tista' tiżvija lil Ġudikant mir-riċerka tieħgu tal-verita'."*

**L-Ewwel Imputazzjoni**

Antonietta Wirth, anzjana, tgħid li dak in-nhar tat-18 ta' Mejju 2019, li kien is-Sibt filgħaxija hija kienet mar-raġel tagħha Edgardo Wirth u marru l-quddies ta' filgħaxija ta' San Girgor tas-Sliema u ħarġu barra l-knisja u ltaqgħu ma koppja oħra, Josette u r-raġel tagħha Patrick u

tkellmu għal ftit minuti. Minn hemmhekk hija, flimkien mar-raġel tagħha qabdet timxi u daret il-kantuniera, tfaċċa raġel ġie wiċċu quddiemha, daħħal idejh fl-iskullatura tagħha u hi pruvat timbuttah u ttih fuq sidru, ġibdilha l-perli u telaq. L-attakkant reġa' mar lura u qalilha li m'għamlilha xejn u telaq l-hemm. Fil-fatt żammewhom l-isptar.

Xi ġranet wara PS 1337 li xehed mar id-dar tagħhom peress li huma persuni anzjani u vulnerabbli u wara lilha sett ta' ritratti, kif ukoll lil Edgardo Wirth. Antonietta Wirth għarrfet lill-imputat u iffirmat id-dokument (Dok FF10) u ikkonfermat reġgħet fix-xhieda tiegħu lill-istess imputat Simon Camilleri.

Fuq l-istess reat jixhed ukoll ir-raġel ta' Antonietta Wirth, Edgardo Wirth li kien preżenti mal-mara tiegħu dak in-nhar u dak il-ħin. Huwa jikkonferma l-fatti kif stqarrithom il-mara tiegħu , iżid li meta induna li dan ir-raġel kien se jieħu l-perli tal-mara tiegħu, huwa fil-fatt, prova jimbotta lill-imputat u fil-fatt spiċċa ma' l-art bid-demm ħiereġ minn imnieħru. Hu jiddikjara li għamel xi żmien l-isptar u fid-data ta' meta ta x-xhieda tiegħu kien għadu qed isofri mill-ġrieħi li sofra waqt is-serqa indikata. Dwar l-identita' ta' l-imputat, dan l-istess mar PS 1337 għandu u urieh sett ta' ritratti Dok FF8 u mill-persuni kollha fir-ritratt identifika tnejn, u partikolarment jiftakar għaliex jaf li l-aggressur ma kienx qargħi (bla xahar), u fil-fatt identifika l-uniċi tnejn fis-sett ta' ritratti li għandhom ix-xahar, fosthom l-imputat.

Fuq l-istess inċident tixhed ukoll Josette Camilleri li tiddikjara li dak in-nhar wara l-quddiesa fil-knisja ta' San Girgor waqfet tkellem lil Antonietta Wirth għaliex kienet l-għalliema tagħha meta kienet għadha żgħira. Kif marru għal rihom, fl-aħħar tat-triq hi u r-raġel tagħha jisimgħu "help help" u raw lil Edgar Wirth ma' l-art. Għal mument ħasbet li kien waqa' u weġġa' u kif marret ħdejh ħa tgħinu rat raġel ġej minn ħdejhom li ħasbet li mar biex jgħin, fil-fatt qalilha "le jaħasra ma għamiltilhom xejn, ma ħadtilha xejn." Ġurnata wara l-Pulizija irikkorew id-dar tagħha u xi ġranet wara reġgħu kellmuha u urewha xi ritratti, l-istess dokument li kien qed jintwera lil Antonietta u Edgar Wirth, u hi għarrfet mill-ewwel lill-imputat bħala l-aggressur fir-ritratti, liemadokument ukoll jinsab iffirmat u eżebit mix-xhud (dok FF11). Fil-fatt hija terġa' tagħraf lill-imputat fl-awla tal-Qorti bħala l-aggressur li wettaq is-serqa dak in-nhar.

Fuq din is-serqa l-prosekuzzjoni ressqet ir-raba' xhud okulari li jiġi r-raġel ta' Josette Camilleri, Patrick Camilleri. Is-sur Camilleri mill-ewwel avża lill-Pulizija li mhux se jkun f'pożizzjoni li

jgħaraf lill-aggressur, u fil-fatt hekk kien la għarfu waqt li Ps 1337 urieh ir-ritratti ta’ diversi nies fir-resendza tieghu u lanqas quddiem il-Qorti. Madanakollu huwa jikkonferma li dak in-nhar tas-serqa huwa kien il-quddies ta’ filgħaxija San Girgor tas-Sliema u waqaf flimkien ma’ martu jitkellem mal-koppja Antonietta u Edgardo Wirth, iż-żewġ koppji qabdu triqithom u kif is-Sinjuri Camilleri waslu lejn l-aħħar tat-triq raw lil Edgardo Wirth ma’ l-art bid-demm ħiereġ minn wiċċu u jgħajjat “help help”. Hu jgħid li ra persuna imma kien moħħu f’Edgardo Wirth u ma tantx ta kas l-apparenza fiżika tiegħu iżda jgħid li semgħu jgħid “jien m’għamilt xejn.”

Il-Qorti kważi tista’ tieqaf hawn dwar din l-imputazzjoni, iżda, l-prosekuzzjoni dwar in l-imputazzjoni ippreżentat filmati tas-CCTV li mgħoddijin lill-espert maħtur mill-Qorti Donald Tabone juri lill-imputat fl-akkwati ta’ fejn ġrat is-serqa, liebes l-istess żarbun li instab fid-dar tiegħu meta saret it-tfittxija u li jinsab eżebit fil-proċess, iż-żarbun l-aħmar tad-ditta Nike, jidher ukoll jidħol u jagħmel madwar ħames (5) minuti fil-knisja San Girgor fejn kienet qed tisma’ l-quddies Antonietta Wirth, jistudja lill-vittma tiegħu. Għalkemm fl-istqarrija tiegħu l-imputat jgħid li ż-żarbun huwa ta’ ibnu u dak il-persuna li jidher fir-ritratti ma hux hu, jirriżulta li l-imputat ilu għaddej b’din il-kawża quddiem din il-Qorti kif preseduta sa mill-2019 u l-Qorti kellha diversi okkażjonijiet tara l-aspett fiżiku ta’ l-imputat. Il-persuna li tidher fir-ritratti/filmati dak in-nhar tas-serqa fl-akkwati ta’ fejn ġrat l-istess serqa huwa mingħajr dubju Simon Camilleri l-imputat.

Fuq skorta ta’ din l-evidenza kollha, li direttament tallaċċja lill-imputat bħala l-aggressur, din l-imputazzjoni ġiet ippruvata, bin-nuqqas tal-valur stante li l-vittma ma tatx valur ta’ l-oġġett misruq lilha oltre wkoll għall-verbal illi għamlet il-prosekuzzjoni fit-13 ta’ Ottubru 2021 rigward l-istess valur tal-ġiżirana tal-perli misruqa.

**It-tieni imputazzjoni**

Illi kwantu dak li jirrigwarda din l-imputazzjoni, hawnhekk il-Qorti għandha erba’ xhieda okulari; Antonietta Wirth, Edgardo Wirth il-vittma, Josette Camilleri u Patrick Camilleri. Il-prosekuzzjoni tgħid li l-grieħi gravi li sofra Edgardo Wirth kienu sforz aggressjoni li saret min-naħa ta’ l-imputat b’dan lil-imputat ta daqqa ta’ ponn lil Edgardo With, raġel ta’ disgħin (90) sena. Illi t-tabib forensiku mqabbad mill-Qorti Dr. Mario Scerri iddikjara li Edgardo Wirth sofra ġrieħi gravi *per durata* f’idejh kif jispjega wkoll Edgardo Wirth. Minn dawn l-erba’ xhieda ħadd

ma jgħid li Edgardo Wirth safa aggredit mill-imputat. L-istess Edgardo Wirth jgħid li hu indika li l-imputat kien se jisraq lill-martu, u fil-fatt huwa prova jipproteġi lill-mara tiegħu billi jimbuttah u jkompli jgħid li spiċċa ma' l-art mingħajr ma jaf kif. Huwa possibbli li l-imptat spiċċa ma' l-art waqt li qed jipprova jirreżisti s-serqa fuq martu u peress li huwa persuna anzjana u vulnerabbli waqa' u weġġa iżda l-Qorti ma tistax tasal sal-grad rikjest mil-liġi li kien l-imputat li wettaq il-ġrieħi gravi fuq Edgardo Wirth.

Għalhekk din l-imputazzjoni ma ġietx ippruvata.

**It-tielet imputazzjoni**

Hawnhekk l-imputat qed jiġi akkużat b'kompliċita' b'serqa fis-16 t'April 2016 għat-8:30pm fl-istabbiliment The Convenience Shop fi Triq Għajn Dwieli, Raħal Ġdid.

Għalhekk jeħtieġ li jiġi eżaminat jekk l-imputat jistax jinstab hati ta' kompliċita' u skont il-Prof Mamo fin-noti tiegħu (Notes on Criminal Law Vol I paġna 124) fejn jidħol il-kompliċita' qal hekk:

> *"A man may be held responsible for an offence, even though he may not have done the act which constitutes that offence, if he had done some other act which has helped towards the commission of the offence and had done the act in pursuance of a common design to commit that offence"*.

Illi l-istess Qorti tal-Appell (**Ir-Repubblika ta' Malta vs Martin Dimech** deċiża fid-29 ta' Settembru 2004) qalet hekk li:

> *"Il-kompliċi huwa dak li għalkemm ma jipparteċipax materjalment fis-serqa, jagħmel xi ħaġa, bi ftehim magħhom, jiġifieri jkun hemm ftehim minn qabel magħhom, biex jgħinhom jew fil-preparazzjoni tas-serqa, jew fit-twettiq tas-serqa, .... L-importanti huwa naturalment li jkun hemm ftehim minn qabel."*

Illi fil-fatt il-Professur Mamo jgħallem ukoll li:

> *"A merely physical participation in the act without a participation in the criminal design cannot be the ground of criminal liability. In other words, no matter how effectively the act of one person may have helped another in the commission of an*

*offence, the former is not responsible as a co-principal or an accomplice, unless it can be shown that he did the act with the purpose of which another takes advantage to commit an offence, that man does not in any legal sense participate in the offence."*

Illi dwar il-prova neċessarja biex tirriżulta l-kompliċita fir-reat adebitat lill-imputat irid jiġi sodisfaċentement ippruvat mill-prosekuzzjoni li l-imputat;

*(i)* *kien jaf li l-awtur kien ser iwettaq id-delitt u*

*(ii)* *li hu deliberatament għenu biex hekk iwettaq id-delitt billi għamel xi haġa li tinkwadra f'wieħed mill-paragrafi (a) sa (e) tal-Artikolu 42 tal-Kodiċi Kriminali.*

Is-sempliċi fatt li l-imputat wassal żewġ persuni fil-post fejn seħħ ir-reat tas-serq bil-vjolenza f'The Convenience Shop, Raħal Ġdid ma jfissirx neċessarjament li hu kien jaf x'kellu f'moħħ il-persuni li kienu involuti f'din is-serqa. L-imputat dak li dejjem baqa' jgħid fl-istqarrija tiegħu, li hu ma kienx jaf.

Il-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawża **Il-Pulizija vs Carmelo Agius** deċiża fl-24 ta' Frar tas-sena 2002 iċċarat li:

*"Huwa veru li l-presenza ta' persuna fuq il-post tad-delitt u waqt li jkun qed jiġi kommess id-delitt tista' tammonta ghall-kompliċita` f'dak id-delitt kemm-il darba jkun jirrizulta li bejn dik il-persuna u l-awtur tad-delitt kien hemm il-ħsieb komuni li jsir dak id-delitt, u li l-presenza ta' dik il-persuna effettivament assistiet lill-awtur, anke jekk biss moralment, biex iwettaq dak id-delitt[1]".*

Fl-istqarrija tiegħu l-imputat jikkonferma l-preżenza tiegħu fi Triq Għajn Dwieli, jikkonferma li wassal żewġ persuni fejn The Convenience Shop fl-istess triq, jikkonferma l-isem ta' wieħed minnhom li sussegwentement ittieħdu proċeduri kriminali kontrih u jikkonferma li kien hu bil-vettura KBJ 176 li kien qed isuq u waqaf fil-pompa tal-petrol. Iżda jibqa' jinnega l-involviment tiegħu fis-serqa.

[1] Emfażi ta' din il-Qorti

Meta l-Qorti tara l-provi li għandha quddiema, u tara li mill-filmati miġbura u eżebiti jirriżulta li wara li l-imputat wassal lil dawn iż-żewġ persuni huwa qagħad taparsi se jimla l-petrol fil-karozza b'ħarstu dejjem diretta lejn il-ħanut fejn fih sar il-*hold up*, ftit li xejn tista' allura l-Qorti temmen lill-istess imputat (kif iddikjara fl-istqarrija tiegħu) li ma kienx jaf li huwa wassal lil dawn iż-żewġ persuni fil-ħanut konċernat biex issir serqa. Inoltre jirriżulta mix-xhieda illi fil-mument illi nqalgħet il-kommossjoni fil-ħanut, propju għaliex Keoney Demicoli irreżistiet is-serqa, li l-imputat reġa' daħal lura fil-karozza u saq lejn id-direzzjoni tal-Palumbo Shipyards. Dawn il-provi indizzjarji kollha huma diretti lejn l-involviment li l-imputat kellu fis-serqa li saret f'The Convenience Shop.

Din il-Qorti wara li rat il-provi kollha mressqa tara li l-prosekuzzjoni hawn irnexxiela tipprova li bejn l-imputat Simon Camilleri u ż-żewġ persuni l-oħra li wettqu s-serqa f'The Convenience Shop ta' Triq Għajn Dwieli, Paola kien hemm xi ftehim bejniethom biex isseħħ din is-serqa.

L-aggravji tas-serqa bil-mezz, bil-ħin u bil-vjolenza kollha ġew ampjament ippruvati u dan peress li ż-żewġ persuni l-oħra li wettqu s-serqa ħbew l-identita' tagħhom u dan kif iddikjaraw ix-xhieda Keoney Demicoli, Nicole Vella u Lara Chetcuti, kif ukoll jirriżulta li din is-serqa saret wara nżul ix-xemx għalhekk aggravat bil-ħin u l-vjolenza għaliex Keoney Demicoli tiddkjara li wieħed mill-persuni li daħal jisraq beda jxejjer mus lejha u waqt li hi qegħda tirreżisti s-serqa rat li Lara Chetcuti sofried xi ġrieħi kif fil-fatt jirriżulta li kien hemm tiċpis tad-demm u ġiet iċċertifikata li sofriet minn ġrieħi ħfief.

Dak li l-Qorti ma ratx li hawn il-prosekuzzjoni rnexxielha tipprova huwa l-aggravju tal-valur. Fil-fatt Renato Vidal, il-propjetarju ta' The Convenience Shop ta' Triq Għajn Dwieli, Raħal Ġdid, fix-xhieda tiegħu datata 7 ta' Novembru 2019 ma jiddikjarax u ma jafx kemm ġew misruqa flus, jew l-ammont tad-danni sofferti minnu f'din is-serqa.

**Ir-raba' imputazzjoni**

L-artiolu 86 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta jgħid is-segwenti:

*"Kull min, bla ordni skont il-liġi tal-awtorità kompetenti, ubarra mill-każijiet li fihom il-liġi tagħti s-setgħa lill-privat li jarresta lill-ħati, jarresta, iżomm jew jissekwestra lil xi persunakontra l-volontà tagħha, jew jagħti l-post biex fih din il-persuna tiġiarrestata,*

*miżmuma jew issekwestrata, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija minn seba' xhur sa sentejn:Iżda, il-qorti tista', fil-każijiet ħfief, tagħti l-piena ta'priġunerija minn xahar sa tliet xhur jew il-multa."*

Is-sekwestru ta' persuna huwa l-użu kontra l-liġi mill-privat tas-setgħat tal-awtorita' pubblika jindika li taħt dan il-Kap jaqa' aġir li jekk kommess minn min għandu awtorita' ma jkunx punibbli.

Il-ġurista Taljan *Maino* fil-ktieb tieghu *Commento al Codice Penale* jikkummenta fuq l-artikolu 146 li huwa bħall-artikolu 86 tagħna a fol 112 paragrafu 788 Vol II billi jgħid:

*"Il sequestrato richiede che la privazione della liberta sia assoluta e avvenga in circostanze tali da tagliere alla vittima ogni possibilita' di scampo o di soccorso."*

Antolisei fil-ktieb tiegħu Manuale di Diritto Penale Ediz. 1977 pagna 134 jgħid:

*"Le fatti specie del delitto in parole si realizza anche se la privazione della liberta non e' totale na occorre che al paziente sia reso del tutto impossibile ogni via di scampo. E necessario per altro che la perdita della liberta si protragga per un periodo di tempo di un certo rilievo."*

Element importanti għal eżistenza ta' dan r-reat kif imsemmi fis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar t-tlieta w ghoxrin ta' Jannar, 1998, fil-kawza fl-ismijiet Il-*Pulizija v Andrew Bonnici* huwa li bniedem jrid jkun ittieħed fil-post kontra l-volunta tagħha.

F'dan il-każ il-persuni li daħlu jisirqu f'The Convenience Shop fi Triq Għajn Dwieli, Raħal Ġdid daħlu jxejru mus u jitolbu flus lil Keoney Demicoli. L-imputat ma kienx qiegħed preżenti hemm u Keoney Demicoli ma jidhirx li ġiet issekwestrata, iżda ġiet ikkonfrontata bi vjolenza u aggressjoni biex tagħti l-flus.

Għalhekk din l-imputazzjoni ma tirriżultax ippruvata.

**Il-ħames imputazzjoni**

Illi kwantu din l-impjutazzjoni jirriżulta li l-imputat kien qed igawdi mil-liberta' provviżjorja mogħtija lilu mill-Maġistrat Dr. Anthony Vella fit-2 ta' Awissu 2016. Vera kopja tagħhom tinsab

eżabita fil-proċess bħala Dok MDF 1 u preżentata fis-seduta tad-29 ta’ Ottubru 2020 mill-Assistent Reġistratur tal-Qrati Kriminali.

Għalhekk din l-imputazzjoni tirriżulta ukoll ippruvata.

**Is-sitt imputazzjoni**

Kwantu jirrigwarda din l-imputazzjoni u cioe’ r-reċidiva, din il-Qorti jirriżultawlha diversi sentenzi;

- Sentenza mogħtija mill-Qorti ta’ Appell Kriminali datata 10 ta’ Marzu 2016 fl-ismijiet *Il-Pulizija vs Simon Camilleri* bl-istess konnotati meta l-imputat kien ngħata erba’ snin priġunerija effettiva;
- Sentenza mogħtija mill-Qorti ta’ l-Appell Kriminali datata 14 ta’ Marzu 2011 fl-ismijiet *Il-Pulizija vs Simon Camilleri* bl-istess konnotati meta l-imputat kien ngħata sena pruġunerija effettiva;
- Sentenza mogħtija minn din il-Qorti diversament preseduta datata 24 ta’ Settembru 2015 liema dokument huwa kopja ta’ l-akkużi bis-sentenza miktuba *handwritten* li l-Qorti ma tistax tieħu in konsiderazzjoni stante li mhux dokument ta’ sentenza.

Il-Qorti tirrileva li kwantu għar-reċidiva, din tirriżulta, kwantu jirrigwarda l-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta’ Malta, għalhekk din l-akkuża ossa addebitu tar-reċidiva ġie ippruvat.

**Konsiderazzjonijiet dwar il-Piena**

Ħarsa lejn il-fedina penali ta’ l-imputat jirriżulta li l-imputat għex ħajja kriminali u għandu karattru referettarju u qatt ma prova jibbenefika mill-opportunitajiet mogħtija lilu biex jipprova jirriforma ruħħu u jgħix ħajja onesta. Jidher ukoll li huwa għandu l-vizzju tad-droga, vizzju li ċertament qed tkun ta’ katalista biex l-imputat jibqa’ jikkommetti dawn ir-reati bla kuxjenza u viljakki għall-aħħar fil-konfront tas-soċjeta’ u lejn persuni ta’ eta anzjana u vulnerabbli.

F’dawn iċ-ċirkostanzi l-Qorti tħoss li primarjament l-imputat għandu jingħata piena ta’ priġunerija effettiva għall-fatt illi reat minnhom li tagħhom l-imputat Simon Camilleri qed

jinsab ħati seħħ fuq persuna anzjana altament vulnerabbli, u għalhekk l-imputat għandu jħallas ta' dak illi għamel.

**Decide:**

**Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti ma ssibx lill-imputat Simon Camilleri ħati tat-tieni (2) u tar-raba' (4) imputazzjonijiet fil-konfront tiegħu u minnhom tilliberah u wara li rat l-Artikoli 261(a), 261(f), 262(1)(a)(b), 263(b), 270, 274(ċ)(d), 276, 276A, 277(a)(b), 278, 281(a), 284, 42, 43, 579(1)(2), 49, 50, 289, 17 u 31 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, issib lill-imputat Simon Camilleri ħati ta' l-ewwel (1), it-tielet (3), il-ħames (5) u sitt (6) imputazzjonijiet fil-konfront tiegħu u tikkundannah għal erbgħin (40) xahar priġunerija effettiva li minnhom għandu jitnaqqas iż-żmien li l-imputat għamel bħala arrest preventiv.**

**Ai fini ta' l-Artikolu 23 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta tordna l-konfiska tal-*corpus delicti* ossia l-vettura Fiat Punto bin-numru ta' reġistrazzjoni KBJ 176 esebita formalment fl-atti.**

**Ai termini ta' l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta tikkundanna lil Simon Camilleri biex iħallas lir-Reġistratur tal-Qorti s-somma komplessiva disa' mija tmienja u tletin Ewro u disgħa u tletin ċenteżmu (€938.39) ta' rappreżentanti l-ispejjeż relatati mal-ħatra ta' esperti f'din il-kawża**

**Inoltre ai termini ta'l-Artikolu 579(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta l-Qorti qegħda tordna l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta, tas-somma ta' sebat elef Ewro (€7000) sabbilita' bħala garanzija għall-ħelsien mill-arrest taħt garanzija ai termini tad-digriet ta' din il-Qorti kif diversament preseduta mill-Maġistrat Dr. Anthony Vella tat-2 t'Awissu 2016 u tordna r-revoka tal-ħelsien mill-arrest u tordna l-arrest mill-ġdid tal-ħati Simon Camilleri f'dawk il-proċeduri.**

**Dr. Caroline Farrugia Frendo LL.D.**
**Magistrat**

**Deputat Registratur**

**Dr. Caroline Farrugia Frendo LL.D.**

**Magistrat**

**Deputat Registratur**